HORATIO CAESAR ROGER VELLA huwa *Associate Professor* fil-Latin u l-Grieg fl-Università ta' Malta. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Ingilterra, Malta u l-Greċja. Għallem il-Latin u l-Grieg fl-Universitajiet ta' Zimbabwe, Malawi u Malta għal dawn l-aħħar ħamsa u tletin sena. L-interessi ewlenin tar-riċerki tiegħu huma Omeru u Verġilju, il-Ġenealoġija, il-Metrika, l-Epigrafija u l-Paleografija. Ippubblika, fost l-oħrajn, l-ewwel traduzzjoni bl-Ingliż tal-*Insulae Melitae descriptio* (Lyons, 1536) ta' Jean Quintin, b'edizzjoni ġdida u kummentarju, fl-1980; ħa sehem fl-edizzjoni, traduzzjoni u kummentarju tat-*Tristia ex Melitogaudo* (2010), li hija l-ewwel poeżija twila bil-Grieg miktuba f'Għawdex madwar l-1140; *The earliest Church register in Gozo: 1554-1628* (2010), li huwa l-ewwel dokument tal-Knisja miżmum fil-Kurja tal-Isqof ta' Għawdex, li jiġbor fih l-ewwel reġistri tal-ewwel parroċċi ta' Għawdex, u l-ewwel traduzzjoni ta' Properzju għall-Malti ppubblikat f'Assisi (2013). Il-Professur Vella huwa miżżewweġ lil Vivienne xebba Caruana, u għandhom tifel, Jerome.

978-99957-0-586-2

Horatio Caesar Roger Vella

# Il-Viżta Pastorali ta' Mons. Dusina

## fil-Parroċċa taż-Żurrieq

1575

